# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 24**

**Rikors numru 1252/09/1 JRM**

**Andrea Stellato**

**v.**

**Onorevoli Prim Ministru, Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku u għal kull interess li jista' jkollha f'dawn il-proċeduri, il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku**

1. B'din is-sentenza il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-appell tal-attur mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-28 ta' Frar, 2019, li biha ċaħdet it-talba tal-attur għal stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni ta' interdizzjoni minħabba t-teħid kontrih ta' proċeduri kriminali.

2. Quddiem l-ewwel Qorti:

2.1. Permezz ta' rikors maħluf preżentat fit-22 ta' Diċembru, 2009, l-attur ippremetta li huwa mpjegat fis-servizz pubbliku fil-grad sostantiv skala 10 u li, b'kuntratt definit, huwa jokkupa l-kariga ta' *Chief Information Officer.* Mit-28 ta' April, 2008, kien ġie addett mal-*Malta Information Technology Agency*. Kompla jgħid li b'ittra datata 23 ta' Ġunju, 2009, l-imħarrek Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku nfurmah li minħabba l-eżistenza ta' proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu huwa kien qed jiġi nterdett mis-servizz pubbliku għal perjodu mhux definit li kellu jibda mill-25 ta' Ġunju, 2009, u li sakemm idum hekk interdett kellu jirċievi biss nofs il-paga. Stqarr ukoll illi sussegwentement tali sanzjoni ġiet ukoll interpretata fis-sens illi huwa ma setax isiefer barra minn Malta mingħajr il-prevja awtorizzazzjoni bil-miktub tal-konvenut Segretarju Permanenti Prinċipali. Imenta li tali interdizzjoni seħħet mingħajr ebda proċedura formali u saħansitra wara li saru diskussjonijiet, li hu ma kienx parti fihom, mal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. Allega li dan l-aġir jikser id-drittijiet fundamentali tiegħu u huwa abbużiv ('*ultra vires*') fil-konfront tiegħu. Talab għalhekk lill-Qorti:

> *"1. Tiddikjara d-deċiżjoni tat-23 ta' Ġunju 2009 li l-attur jiġi nterdett għal perjodu mhux definit, nulla u mingħajr effett fil-liġi fl-intier tagħha;*
>
> *2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel talba, tiddikjara nulla u mingħajr effett fil-liġi t-tieni sanzjoni dwar it-telf ta' nofs il-paga u s-sanzjoni effettiva dwar id-divjet ta' safar liema sanzjonijiet huma ultra vires u manifestament illegali;*

> *3. Konsegwentement, tikkundanna lill-konvenuti għall-ħlas tad-danni a bażi tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 16* (recte, 12) *tal-Liġijiet ta' Malta u tillikwida l-istess danni okkrrendo bil-ħatra ta' periti nominandi."*

2.2. L-imħarrkin wieġbu illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrih billi *in linea* preliminari l-azzjoni hija preskritta skont l-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12, u li l-kwistjoni ma tistax titqies bħala "*egħmil amministrattiv*" skond l-Artikolu 469A(2); u billi fil-mertu, l-uniku deċiżjoni li ttieħdet kienet biss dik tal-11 ta' Ġunju, 2009, u komunikata lill-attur fit-23 ta' Ġunju, 2009, rigwardanti s-sospensjoni tiegħu mix-xogħol. Wieġbu ukoll li l-attur bl-ebda mod ma nżamm milli jsiefer u ċaħdu li huwa ġarrab jew qed iġarrab danni minħabba d-deċiżjoni meħuda. Dwar l-allegat nuqqas ta' smigħ xieraq wieġbu inoltre li ma kien hemm l-ebda determinazzjoni ta' *civil rights or obligations*;

2.3. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar, 2019, l-ewwel Qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrkin u ddikjarat li *"dak li wettaq is-Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku ma jistax jitqies bħala egħmil amministrattiv skont l-artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk il-Qorti ma tistax tistħarrġu fl-għamla ta' azzjoni mressqa mill-attur"*; u ddikjarat li qiegħda tastjeni milli tqis l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-imħarrkin; ċaħdet it-talbiet tal-attur bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż konta l-attur;

2.4. Il-<u>konsiderazzjonijiet</u> prinċipali li għamlet l-ewwel Qorti kienu dawn:

*"Illi fi kliem l-attur, id-deċiżjoni tat-23 ta' Ġunju, 2009, hija "ordni" maħruġa mis-Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku indirizzata liċ-Chief Executive Officer tal-MITA u għaldaqstant tista' tiġi mistħarrġa minn din il-Qorti;*

*Illi l-imħarrkin, min-naħa l-oħra, jilqgħu billi jgħidu li l-komunika tat-23 ta' Ġunju, 2009 mis-Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku liċ-Chief Executive Officer tal-MITA ma hijiex deċiżjoni għaliex id-deċiżjoni biex l-attur jiġi nterdett ittieħdet mill-Prim Ministru fil-11 ta' Ġunju, 2009, u r-rwol tas-Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku f'din il-kwestjoni kien biss li jagħti rakkomandazzjoni. Jgħidu li t-talba attriċi għaldaqstant ġiet impostata ħażin. Barra minn hekk, l-imħarrkin jisħqu li r-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku mhix fost l-"egħmil" li jista' jiġi mistħarreġ taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12;*

*..*

*Illi fit-talbiet attriċi, l-attur iqis il-komunika tat-23 ta' Ġunju, 2009, bħala "deċiżjoni". Imma, fis-sewwa, minn imkien ma ntwera bi prova li l-attur ressaq xi talba biex tiġi kkonsidrata mill-imħarrek Segretarju Permanenti, kif teżiġi l-liġi. Aktar tard, fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jgħid li l-komunika tas-Segretarju Permanenti żgur li ma tistax ma titqiesx bħala "ħruġ ta' ordni" li torbot kemm lis-CEO tal-MITA kif ukoll lill-attur;*

*Illi huwa ċar li bl-argumenti mressqa minnu b'dan il-mod, l-attur qed jittanta jiggranfa ma' kliem li joħorġu mis-subinċiż (2) tal-artikolu 469A biex isalva kawża, u jwassal lill-Qorti tagħti ġudizzju fuq l-mertu. Wara li qieset l-argumenti mressqa mill-abbli avukati tal-partijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-argumenti tal-attur ma jistgħux jintlaqgħu. Dan tgħidu għar-raġunijiet li ġejjin. Fl-ewwel lok, l-ittra tat-23 ta' Ġunju, 2009, li fuqha l-attur iserraħ it-talbiet tiegħu, m'għandhiex titqies bħala "ordni" mogħtija lis-CEO tal-MITA kif qed jittanta jpinġiha l-attur. Is-sustanza ta' dak id-dokument ma hu xejn aktar minn komunika ta' deċiżjoni li ħa l-Prim Ministru (f'data oħra u fuq rakkomandazzjoni tal-imħarrka KSP) fil-konfront ta' l-attur fis-sens li għandu jkun interdett taħt ir-Regolamenti tad-Dixxiplina li kienu fis-seħħ dak iż-żmien dwar uffiċjali pubbliċi li dwarhom jittieħdu proċeduri ta' bixra kriminali dwar reati. L-istess Regolamenti jgħidu li kien jaqa' fuq l-imħarrek Segretarju Permanenti li jwassal tali deċiżjoni lis-CEO tal-MITA bħala l-persuna responsabbli mill-impjieg tal-attur u lill-attur nnifsu bħala l-persuna li ser tintlaqat mid-*

*deċiżjoni tal-Prim Ministru. Imma tali komunika qatt ma tista' titqies bħala d-deċiżjoni u wisq anqas twassal għal dikjarazzjoni ta' nullità kif qed jitlob l-attur fl-ewwel talba tiegħu. Fit-tieni lok, il-mertu tal-kawża jorbot ma' deċiżjoni meħuda mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni li saritlu mill-KSP u mhux ma' komunika maħruġa mill-imħarrek Segretarju Permanenti ta' tali deċiżjoni;*

*Illi l-Qorti żżid tgħid ukoll li kieku kellha tqis l-ewwel talba tal-attur u ssib li l-ittra mibgħuta lilu fit-23 ta' Ġunju, 2009, kienet "deċiżjoni" ta' awtorità pubblika u li ma kinitx tiswa, l-ilqugħ tal-ewwel talba kien jolqot biss dik l-ittra, għaliex l-ewwel talba ssemmi biss dik l-ittra. B'dan il-mod, id-deċiżjoni li kienet ittieħdet ġimgħat qabel u li bis-saħħa tagħha l-attur kien ġie interdett u s-salarju tiegħu jitnaqqas bin-nofs sakemm idumu għaddejjin il-proċeduri kriminali ma tintlaqatx. Dan għaliex il-Qorti tista' tippronunzja ruħha biss dwar dak li jintalab;*

*Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra ssib li t-tieni eċċezzjoni preliminari ta' l-imħarrkin hija tajba u sejra tilqagħha;"*

3. Permezz ta' rikors tal-appell intavolat fl-20 ta' Marzu, 2019, l-attur talab lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzzjonijiet preliminari u tordna lill-ewwel Qorti biex tkompli bis-smigħ tal-kawża dwar il-meritu.

4. L-appellati wieġbu illi d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti hija waħda tajba li għandha tiġi kkonfermata b'dan illi l-appell għandu jiġi miċħud.

**<u>Fatti</u>**.

5. Il-fatti rilevanti ta' dan il-każ ġew spjegati fis-sentenza tal-ewwel Qorti:

*"Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-attur huwa uffiċjal pubbliku fi grad sostantiv. Bis-saħħa ta' ftehim li sar fl-10 ta' Jannar, 2008, hu kien ingaġġat fil-grad ta' Chief Information*

*Officer b'kuntratt għal żmien definit ta' tliet (3) snin b'seħħ mit-23 ta' Lulju, 2007 u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Fit-28 ta' April, 2008, huwa ntbagħat jaħdem bħala impjegat mal-Malta Information Technology Agency (minn issa 'l hemm imsejħa "MITA");*

*Illi fl-10 ta' Awwissu, 2006 , l-attur kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mixli, fost oħrajn, b'akkużi marbuta ma' mġiba domestika vjolenti fil-konfront ta' martu w bintu. Huwa wieġeb li ma kienx ħati u dakinhar il-Qorti tatu l-ħelsien provviżorju mill-arrest taħt kundizzjonijiet;*

*Illi l-attur jgħid li, dakinhar stess li nħeles mill-Qorti, baqa' sejjer jgħarraf minnufih lis-superjur tiegħu (is-Segretarju Permanenti) b'dawk il-proċeduri. Is-Segretarju Permanenti kien tal-fehma li l-kwestjoni tal-attur kienet waħda personali u ma kellux għalfejn jirrapporta jew jieħu passi fil-konfront tiegħu;*

*Illi l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija għarraf lill-imħarrek Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku b'dawk il-proċeduri fit-6 ta' Frar, 2009 . Fl-20 ta' Frar, 2009 , id-Direttur tar-Riżorsi fil-Management and Personnel Office (M.P.O.) kien għamel rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku (minn issa 'l hemm imsejħa "KSP") biex l-attur ma jkunx interdett matul iż-żmien li l-proċeduri kriminali jkunu għadhom miexja. Għall-bidu, din ir-rakkomandazzjoni ntlaqgħet f'ittra li l-KSP bagħtet lid-Direttur tar-Riżorsi fit-13 ta' Marzu, 2009 . Fix-xhur ta' wara, il-Public Administration Human Resource Office (PAHRO) rċieva korrispondenza mibgħuta minn mart l-attur (li minnha kien mifrud) li wasslitu biex, fil-11 ta' Ġunju, 2009, kiteb lill-KSP biex tirrevedi d-deċiżjoni tagħha fil-konfront tal-attur[1];*

*Illi fil-11 ta' Ġunju, 2009, il-KSP, fil-fatt bagħtet rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru biex l-attur ikun interdett. Il-Prim Ministru laqa' r-rakkomandazzjoni tal-KSP dakinhar ukoll;*

*Illi fit-23 ta' Ġunju, 2009, is-Segretarju Permanenti mħarrek bagħat jgħarraf liċ-Chief Executive Officer tal-MITA bl-interdizzjoni u sabiex s-salarju tal-attur jitnaqqas bin-nofs sakemm ikunu għadhom għaddejjin il- proċeduri kontrih. L-attur qabbad avukat biex jikteb lis-Segretarju Permanenti mħarrek u b'ittra elettronika tal-10 ta' Lulju, 2009, l-avukat talbu jreġġa' lura d- deċiżjoni meħuda tal-interdizzjoni u t-tnaqqis tal-paga sakemm idum sospiż. Talab ukoll li l-istess Segretarju Permanenti mħarrek jiċċaralu xi aspetti marbuta mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' mpieg għal żmien definit li dakinhar kien għad fadallu ftit xhur biss biex jagħlaq. Is-Segretarju Permanenti mħarrek bagħat iwieġbu b'ittra tas-16 ta' Lulju, 2009 , biex jgħarrfu li d-deċiżjoni li ttieħdet mill-Prim Ministru ma kinitx serja tinbidel u fissirlu għaliex. Fil-jiem ta' wara, baqgħet għaddejja korrispondenza bejn is-Segretarju Permanenti u l-avukat li qabbad l-attur;*

*Illi fit-22 ta' Diċembru, 2009, infetħet din il-kawża;*

*Illi meta l-kuntratt ta' mpieg definit tal-attur għalaq fit-22 ta' Lulju, 2010, ma reġax kien imġedded. Madankollu, mal-għeluq ta' dak il-kuntratt, huwa baqa' uffiċjal pubbliku fil-grad ta' Senior Technical Officer;*

*Illi fit-3ta'Ġunju,2011, il-Qortital-Maġistrati (Malta) sabet lill-attur ħati tal-imputazzjonijiet kollha minbarra għar-raba' u tmien imputazzjoni miġjuba kontrih u ikkundannatu għal tmintax-il (18) xahar priġunerija sospiżi għal perjodu ta' tliet (3) snin minn dakinhar u nħarġet Ordni ta' Ħarsien kontrih fil-konfront ta' bintu għal żmien tliet (3) snin minn dakinhar ukoll. L-attur appella minn dik is-sentenza u b'sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru, 2017 il-Qorti tal-Appell Kriminali irriformat is-sentenza tal-ewwel Qorti billi laqgħet bosta mill-aggravji tiegħu u sabitu ħati biss ta' imputazzjoni waħda (dik fil- konfront ta' martu) u ħelsitu bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor sa żmien sentejn;*

*Illi fit-13 ta' April, 2013, bint l-attur ressqet dikjarazzjoni maħlufa li biha stqarret li l-aġir ta' missierha fil-konfront tagħha ma kienx abbużiv iżda wieħed dixxiplinarju".*

Konsiderazzjonijiet.

6. Permezz tar-rikors tal-appell l-attur jilmenta illi l-interpretazzjoni tal-Artikolu 469(2) tal-Kap.12 li tat l-ewwel Qorti hu żbaljat fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ. Jisħaq li meta fetaħ il-kawża huwa kellu f'idejh biss id-deċiżjoni tat-23 ta' Ġunju, 2009, u li kien biss waqt is-smigħ u wara li kien għalaq il-provi, li sar jaf x'kien wassal għal dik l-ittra. Jikkontendi għalhekk li huwa ma setax jattakka ebda deċiżjoni oħra. L-attur jikkontendi ukoll li t-talbiet tiegħu kellhom implikazzjonijiet aktar wesgħin mill-Artikolu 469A tal-Kap.12, iżda skont hu dan l-aspett ġie njorat fis-sentenza appellata.

7. Mill-atti hu evidenti li l-kawża li fetaħ l-attur hi dik għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv skont l-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

Dan jirriżulta mir-rikors maħluf fejn id-danni li talab fit-tielet talba huma dawk li jissemmew f'dik id-dispożizzjoni. Talba konsegwenzjali għall-ewwel żewġ talbiet. L-attur stess fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżenta quddiem l-ewwel Qorti, iddikjara:

> *"din hija kawża taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li permezz tagħha l-attur qiegħed jitlob li din l-Onorabbli Qorti (1) tiddikjara deċiżjoni tal-konvenut Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku ("PPS") tat-23 ta' Ġunju 2009 meħuda kontra l-attur bħala nulla u mingħajr effett fil-liġi; (2) fi kwalunkwe każ tiddikjara nulla u mingħajr effett fil-liġi s-sanzjoni dwar it-telf ta' nofs il-paga u l-limitazzjoni fuq is-safar barra miż-żona Schengen (3) tikkundanna l-konvenuti jew min minnhom għad-danni u l-ħlas tagħhom liema danni għandhom jiġu likwidati sempliċement fl-import tat-telf tal-paga u benefiċċji relatati mal-impjieg u r-restituzzjoni tal-istess, bl-imgħaxijiet skont il-liġi."*

8. Kliem iktar ċar minn hekk diffiċli ssib u li ġie sostanzjalment imtenni wkoll fir-rikors li l-attur ippreżenta fit-23 ta' Ottubru, 2012.[1]

9. Huwa ċar għalhekk li safejn l-attur qiegħed illum jargumenta illi t-talbiet tiegħu ma kinux limitati biss għall-Artikolu 469A tal-Kap.12, mhuwiex korrett. Quddiem l-ewwel Qorti altru milli l-attur kellu biżżejjed żmien sabiex jirregola ruħu meħud in konsiderazzjoni l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet li taw il-konvenuti, u madankollu l-azzjoni tiegħu baqgħet aggrappata mal-Art.469A tal-Kap.12. Hu biss fl-istadju tal-appell li bidel il-mużika u issa jargumenta li l-azzjoni hi bażata wkoll fuq il-prinċipju ġenerali tal-ġustizzja naturali.

[1] Fol. 327.

10. Fl-istess kuntest l-attur irrefera għas-sentenza **Portelli Dr. Frank M.D. FRDC v. Farrugia Dr. Josella Noe et** (Ċit. nru. 1110/2009) tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tal-25 ta' April, 2015. Iżda l-pern ta' dik il-kawża kien il-fatt li l-funzjoni kważi ġudizzjarja tal-Kunsill Mediku konvenut, għalkemm mhux sindikabbli taħt l-Artikolu 469A tal-Kap.12, kien xorta suġġett għall-istħarriġ mill-Qorti. Kwistjoni li m'għandha x'taqsam xejn mal-każ tallum. Fil-kawża tallum l-attur ippropona kawża għall-istħarriġ ta' għemil amministrattiv taħt l-Art.469A tal-Kap.12.

11. Jirriżulta li l-attur sar jaf bl-interdizzjoni fuq *half pay* mis-servizz pubbliku permezz ta' ittra datata 23 ta' Ġunju, 2009[2], li s-Segretarju Permanenti Prinċipali bagħat lill-Kap Eżekuttiv tal-MITA. L-attur irċieva kopja tal-ittra. Fl-ittra jingħad:

> *"Mr Andrea Stellato, Chief Information Officer who is performing duties with the Malta Information Technology Agency, stands charged in Court with having violently assaulted and threatened his daughter and his former wife and with having caused slight bodily harm to the person of his daughter.*
>
> *This case has been re-referred to the PSC in terms of Regulation 14(2) of the Disciplinary Regulations.*
>
> *The PSC has agreed with our views and decided that Mr Stellato should be interdicted from the exercise of the powers and functions of his office.*
>
> *You are therefore requested to inform Mr Stellato not to report for duties as from next Thursday 25th June 2009. During the period of his interdiction, Mr Stellato should receive half his salary."*

---

[2] Fol. 7.

12. Minn qari ta' dik l-ittra hu altru milli evidenti li d-deċiżjoni għall-interdizzjoni tal-attur kienet diġa' ttieħdet u l-ittra ntbagħtet biss bħala avviż lill-MITA bid-deċiżjoni u li l-attur ma kellux jirrapporta għax-xogħol b'effett mill-25 ta' Ġunju, 2009.

13. L-attur kien jaf li d-deċiżjoni aħħarija kienet tispetta lill-Prim Ministru tant illi permezz ta' *email* datata 10 ta' Lulju, 2009[3], l-avukat tal-attur talab lis-Segretarju Permanenti Prinċipali sabiex *inter alia* jindikalu. '*whether the formalities required under the relevant Regulations (always without prejudice to my client's position on the illegality of the measures invoked) such as signature of the appropriate order by the PM have been undertaken.'* Is-Segretarju Permanenti Prinċipali wieġbu b'ittra datata 16 ta' Lulju, 2009, u nfurmah li, '*contrary to your allegations, all relevant formalities stipulated in the Disciplinary Regulations in respect of Mr Stellato's interdiction have been followed as indicated above.'*[4]

14. F'kull każ, għal dak li jirrigwarda l-interdizzjoni tal-attur mis-servizz pubbliku, m'hemmx dubju li l-ittra tat-23 ta' Ġunju, 2009, kienet qiegħda biss tikkomunika deċiżjoni li diġa' ttieħdet u fiha nnifisha mhijiex '*deċiżjoni'* ta' awtorità pubblika skont l-Artikolu 469A tal-Kap.12. Għalhekk, limitatament fir-rigward ta' l-ewwel talba, l-ittra tat-23 ta' Ġunju, 2009,

[3] Fol. 170 *et seq*.
[4] Fol. 172 *et seq*.

mhijiex id-deċiżjoni li hemm referenza għaliha fid-definizzjoni ta' *'egħmil amministrattiv'* skont l-Art. 469A tal-Kap.12. Kienet l-għażla tal-attur li jorbot l-impunjazzjoni tal-mod kif saret l-interdizzjoni mal-ittra tat-23 ta' Ġunju, 2009, meta dik l-ittra żgur mhijiex *'egħmil amministrattiv'* skont it-tifsira li hemm fl-Art. 469A tal-Kap.12 u l-ewwel Qorti ddeċidiet dwar dak li talab l-attur. Sewwa qalet l-ewwel Qorti li tiddeċiedi fuq it-talbiet li jsiru fir-rikors maħluf.

15. Illum l-attur qiegħed jipprova jsalva il-kawża li fetaħ billi jargumenta li t-talbiet fir-rikors maħluf, *".... ma kinux limitati biss għal talbiet ai termini tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. It-talbiet tal-attur kellhom implikazzjonijiet iktar wisgħajn u kienu jestendu wkoll għall-ksur ta' prinċipji ġenerali tal-liġi da parti tal-konvenuti li jmorru oltre l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta"*.

16. Argument li ma sarx quddiem l-ewwel Qorti. Il-kawża li fetaħ hi bażata fuq l-Art.469A biss, u dan hu ċar mit-tielet talba tar-rikors maħluf apparti dak li l-attur iddikjara fin-nota ta' sottomissjonijiet. Min-naħa waħda l-ewwel żewġ talbiet u min-naħa l-oħra t-tielet talba ma jistgħux jiġu kkunsidrati b'mod distint u separat minn xulxin. Hu altru milli evidenti li l-attur fetaħ il-kawża għad-danni, u d-danni li qiegħed jippretendi huma dawk li jissemmew f'Art.469A tal-Kap.12.

17. Madankollu hemm ukoll it-tieni talba li taqra hekk:-

> *"2. Mingħajr pregudizzju għas-suespost, anke jekk din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel talba, tiddikjara nulla u mingħajr effett fil-liġi t-tieni sanzjoni dwar it-telf ta' nofs-il paga u s-sanzjoni effettiva dwar id-divjet ta' safar liema sanzjonijiet huma ultra vires u manifestament illegali"*.

18. Fl-aħħar paragrafu tal-ittra tas-Segretarju Permanenti Prinċipali tat-23 ta' Ġunju, 2009, hemm miktub *"During the period of his interdiction, Mr Stellato should receive half his salary"*. Ma jirriżultax li dik id-deċiżjoni kienet parti mid-deċiżjoni tal-Prim Ministru, u dak li kiteb is-Segretarju Permanenti Prinċipali hi fiha nnifisha deċiżjoni. Kien ukoll is-Segretarju Permanenti Prinċipali li b'ittra datata 16 ta' Lulju, 2009[5], informa lill-appellant illi '*In terms of Regulation 12(10), your client is required to obtain the permission of the Head of the Public Service before he travels abroad. However, this does not apply in case he travels to a country in the Schengen Area.'* Deċiżjonijiet fihom infushom.

19. Fir-rikors maħluf l-attur ilmenta b'mod separat mill-fatt:

> *"15. Illi f' dak li għandu x' jaqsam mat-tieni sanzjoni kontenuta fid-deċiżjoni lanjata ossija l-ordni li l-attur jibda jirċievi nofs il-paga , kif ukoll l-interpretazzjoni sussegwenti tal-konvenuti jew min minnhom li l-attur jiċċaħħad mid-drittijiet ċivili tiegħu li jsiefer liberament barra minn Malta mingħajr prevja awtorizzazzjoni bil-miktub tal-konvenut Segretarju Permanenti Prinċipali, din id-deċiżjoni hija fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost manifestament illegali in kwantu tali sanzjonijiet jistgħu eventwalment jittieħdu kontra uffiċjali pubbliċi ai termini tal-Public Service Management Code biss wara l-għeluq ta' proċeduri dixxiplinarji kontih/a, liema proċeduri fil-każ odjern lanqas biss infethu."*

[5] Fol. 172 *et seq*.

20. Mela l-attur qed jilmenta li d-deċiżjonijiet li ttieħdu li l-konvenut jaqa' fuq nofs salarju u li ma jistax isiefer jekk qabel ma jitlobx l-awtorizazzjoni, kienu llegali għaliex mhux skont ir-regolamenti li kienu japplikaw fiż-żmien rilevanti.

21. Ma kien hemm xejn x'iżomm lill-ewwel Qorti milli tistħarreġ l-ilment tal-attur dwar dawk id-deċiżjonijiet, għaliex fihom infushom jikkwalifikaw bħala *'egħmil amministrattiv'* taħt l-Art.469A tal-Kap. 12.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-attur sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-28 ta' Frar, 2019, fis-sens li:

i. Tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn iddikajrat li qiegħda tastjeni milli tqis l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti u ċaħdet it-tieni u tielet talbiet tal-attur;

ii. Tħassar dik il-parti li laqgħet t-tieni eċċezzjoni in kwantu tirreferi għat-tieni u tielet talbiet tar-rikors maħluf u minflok tiċħad it-tieni eċċezzjoni in kwantu tirreferi għal dawk it-talbiet, filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn laqgħet it-tieni eċċezzjoni in kwantu tirreferi għall-ewwel talba tal-attur.

Spejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da